# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmintax (18) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 10 t' Awissu 2011, fl-4.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Is-Sindku u l-kunsilliera qablu li għanda tinfetaħ 2-way triq San Pawl, il-parti bejn triq San Ġwann u triq San Ġużepp, meta nġibu l-permess minn Transport Malta.

4. Il-kunsillier Eddie Bonello saqsa dwar ix-xogħol f'triq il-Menqa. Is-Sindku qal li l-ħaddiem kien bil-leave u se jkompli x-xogħol meta jidħol lura għax-xogħol.

5. Il-kunsillier Publius Abdilla iħoss li x-xogħol fuq qtuħ tal-ħaxix staġna. Is-Sindku qabel miegħu u qal li ġa qal lill-kuntrattur Cedric Valletta. Is-Sindku qal ukoll li se jibdew jaħdmu filgħodu wkoll minn issa. Il-kunsilliera talbu lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jgħid lis-sur Valletta li għandu jagħti prijorita lil triq Ġwann Zammit u t-toroq ta' madwar.

6. Il-Kunsill qabel li n-nies tal-kuntrattur Cedric Valletta għandhom jiġu jikinsu t-toroq is-Sibt tal-festa [filgħodu] kif hu obligatt fil-kuntratt li jaħdmu dak il-ħin. Il-Ħadd fis 6 ta' filgħodu u wara l-marċ [fis-2pm] jiġi l-kuntrattur tal-iskart domestiku biex jagħmel ix-xogħol.

7. Is-Sindku qal li l-ispettur jaf dwar il-karozza f'triq il-Ħlantun [Punt no. 20 tas-seduta numru 17]. Il-pulizija se jaraw ta' min hi u se jordnalu biex jiċċaqlaqa minn hemm.

8. Il-kunsilliera avżaw lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv liema toroq għandhom jagħlqu matul il-festa biex hu jibgħat l-informazzjoni lil pulizija u lil Transport Malta. L-informazzjoni tinstab fuq in-noticeboard.

**Ħwejjeġ oħra**

9. Fl-aġenda li jmiss il-Kunsill se jidiskuti Memo 66/2011 [Skema ta' finanzjament għal titjib fil-Playing Fields ezistenti].

10. Ma kien hemm l-ebda Payment Approval Sheets għall-approvazzjoni.

11. Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm.

12. Il-laqgħa li jmiss se tkun fl-31 t'Awissu 2011.

Approvati llum 31/08/2011

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv